# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum l-10 ta' Diċembru 2019**

Appell numru 371 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Alexia MICALLEF**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-14 ta' Settembru 2017 fil-konfront ta' Alexia MICALLEF, karta tal-identita bin-numri 316279M fejn (in suċċint) ġiet mixlija talli nhar it-13 ta' Settembru 2017, fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmul b'riżoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-Liġi jew billi

għamlet użu t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamliet qliegħ b'qerq t'anqas minn ħamest elef euro għad-dannu ta' Kazamov Maksimiljan, Filikj Nikola, Jonathan Cordero, Jerona Danielle Tadem, Marvin Malaluan Sintales, Alvin Aura Ligsa, Marvin Coronado Frankie, Zaneta Anna Gromadzka, Glenn Del Rosario Austria, Radoslaw Siewniak, Petrovski Lazar, Luca Sebastiano Sapuppa, Nassan Mohamad, Graziano Larossi, Georogios Charalampakis, Marika Mangion, Limbu Tej Bahur, Maya Manandhar Thapa, Cristian Paun, Najib M, Alarbi Salem, Petrova Jekaterina, Charlene Vanessa Coumba, Hayem Abdulqasem, Daniel Farrugia, Jomah Abeer u Comazzetto Viana Arthur. Hija ġiet mixlija wkoll li wetqet dawn ir-reati matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospoża mogħtija lilha mill-Maġistrat Dottor Miriam Hayman, fis-26 ta' Novembru 2013. Inoltre hija ġiet ukoll mixlija li rrendiet ruħha reċediva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistgħu jinbidlu.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanta rat li l-appellanta fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri ammettiet il-ħtija tagħha. Il-Qorti semgħet lid-Difiża tisħaq li f'dan il-każ l-imputata kellha problema

tal-użura u sabiex tkun tista' tħallas dejnha mal-użuraj hija rrikorriet għall-kommissjoni tar-reati de quo. Inoltre il-Prosekuzzjoni informat lil Qorti li l-imputata appellanta kienet ikkoperat mal-Pulizija, kif ukoll għaddiet kemm informazzjoni disponibbli kif ukoll għaddiet xi flejjes li kienu dovuti minnha in konnessjoni ma wħud mill-vitmi defrawdati. Għalhekk wara li l-Qorti rat l-atti prodotti u d-dokumenti kollha eżebiti f'dan il-każ, rat l-artikoli 18, 49, 50, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata appellanta ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u filwaqt li daħlet fis-seħħ l-effetti tas-sentenza datata 26 ta' Novembru 2013 mogħtija lilha mill-Maġistrat Dottor Miriam Hayman, fis-26 ta' Novembru 2013 fejn kienet ġiet kundannata għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin ikkundannatha għal piena ta' **tminn snin** priġunerija filwaqt li stiednet lill-Awtoritajiet sabiex jgħatuha l-għajnuna meħtieġa biex din ma tibqax tikkommetti reati simili u ordnat li l-flus eżebiti jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

3. Rat l-appell intavolat mill-ħati permezz ta' rikors li jġib id-data tas-26 ta' Settembru 2017 li permezz tiegħu hija saħqet li l-piena inflitta fuqha kienet waħda għolja ħafna u għalhekk talbet lil din il-Qorti sabiex teroga piena aktar xierqa u li tkun tirrifletti ċ-ċirkostanzi ta' ta' dan il-każ minħabba l-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tieħu konjizzjoni :

   (a) Tal-fatt li hija rreġistrat ammissjoni bikrija;
   (b) Li hija kkoperat bi sħiħ mal-Pulizija, kif iddikjarat l-istess prosekuzzjoni;

(c) Hija kienet vitma tal-użura u kommettiet dawn ir-reati sabiex tkun tista' tagħmel tajjeb għad-dejn li kellha u toħroġ miċ-ċirku vizzjuż li kienet tinsab fih.

4. Rat id-dokumenti kollha eżebiti fl-atti u fliet ix-xiehda tax-xhieda u l-argumenti sottomessi fit-trattazzjoni ta' dan il-każ;

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi dan huwa appell illi għalkemm imfassal fuq tliet aggravji, huwa essenzjalment iffukat fuq il-*quantum* tal-piena li ġiet erogata fil-konfront tal-appellanta. Issa l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

6. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

7. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.

8. L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

9. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

10. F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

11. F'dawn il-proċeduri t'appell, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha, jekk il-piena inflitta minnha kienet taqa' fil-parametri legali

u jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.

12. Din il-Qorti tqis li, in bażi għall-provi imresqa u l-argumenti legali mistqarra quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha li ssib ħtija fl-appellanta. Dan peress li hija rreġistrat ammissjoni, liema ammissjoni ġiet imtennija.

13. Tibqa' l-kwistjoni jekk il-Qorti tal-Maġistrati kienetx żbaljata fil-prinċipju jew erogatx piena li kienet manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either

additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

14. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb***, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita

tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

15. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru

l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis *anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.*

***Ikkunsidrat : -***

16. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni addebitat lill-appellanti b'26 episodju ta' truffa mwetqa a detriment ta' persuni varji. Il-Prosekuzzjoni għażlet li tixli lill-appellanta b'dawn is-sensiela ta' reati bħala reat kontinwat fit-termini tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid :

> Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, ujkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesubħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi.

17. Din il-formula ġuridika ġiet definita b'dan il-mod minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Lorenzo Cuschieri*** deċiża nhar it-30 t'Ottubru 2001 :

> Ir-reat kontinwat huwa finzjoni legali krejata essenzjalment ghall-beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi komminata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-

konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi.

Anki kieku kellu jigi accettat li l-kontinwita' hija cirkostanza aggravanti, u li din ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex tigi ffissata l-piena applikabbli ghall-finijiet tal-preskrizzjoni, xorta wahda din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-piena hija sostenibbli jekk is-singoli reati jkunu diga' jinsabu preskritti skond it-terminu ordinarju stabbilit ghalihom mill-Kodici. Altrimenti, kull konkluzzjoni differenti twassal ghall-assurdita' legali li jigu maghqudin bil-kontinwita' reati li jkunu individwalment impunibbli ghaliex gia preskritti u fejn in-ness ta' l-istess rizoluzzjoni essenzjali ghar-reat kontinwat, ikun gie, ma' kull skadenza tal-preskrizzjoni ghar-reat individwali, irrevokabbilment miksur jew eliminat.

L-kontinwita' fir-reati tigi konsidrata bhala mitigazzjoni tal-piena li altrimenti tkun kumulattiva. Ma tistax il-prosekuzzjoni tuza l-element tal-kontinwita' biex dak li altrimenti jkun preskritt takkwistah bhala ma huwiex fuq is-semplici bazi li minhabba l-kontinwita' l-piena applikabbli tista' u mhux necessarjament ghandha tigi awmentata bl-gradi li hemm imsemmi fl-art. 18 tal-Kodici Kriminali.

18. Inoltre, kif ġie deċiż fl-appell fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Salvu Depares***, deċiża mill-Qorti Kriminali nhar is-6 ta' Marzu 1954, fil-każ ta' diversi reati kontra l-patrimonju, għall-finijiet tal-valur għandu jiġi meqjus il-valur ta' dak ir-reat li hu l-akbar fost il-valuri l-oħra. F'dan il-każ, il-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati kienet dik ta' tminn snin priġunerija. Mill-artikoli tal-Liġi ċitati mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha, din il-Qorti tifhem li hija kunsidrat ir-reati ta' truffa imputati f'dan il-każ bħala magħquda flimkien bħal reat wieħed u b'hekk applikat l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Dan setgħa jġib żieda fil-piena bi grad jew tnejn. Jirriżulta wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellanta ħatja tar-reċidivita ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u anke hawnhekk il-Qorti setgħet iżżid il-piena bi grad. F'dan il-każ jirriżulta li r-reati ta' truffa kommessi kienu jinvolvu lil ħafna

nies; iżda l-ammonti ta' flejjes defrawdati ma kienux għoljin ħafna u kienu jvarjaw.

19. Meta wieħed iqis il-piena għar-reat ta' truffa li titnissel mill-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta li, meta jittieħed il-minimu huwa dak ta' sena priġunerija filwaqt li l-massimu huwa dak ta' seba' snin priġunerija. Meta wieħed iqis meqjus il-valur ta' dak ir-reat li hu l-akbar fost il-valuri l-oħra, bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 u 50 tal-Kodiċi Kriminali għall-dan il-każ, il-pieni jistgħu jiżdiedu minn minimu ta' sentejn sa massimu t'għoxrin sena. Il-piena erogata għalhekk hija fil-parametri ta' dak li setgħet teroga l-Qorti.

20. Anke jekk, fl-aħjar ipoteżi għall-appellanta, wieħed kellu japplika l-kejl tal-piena skont kif imsemmija fl-artikolu ġenerali 310 tal-Kodiċi Kriminali, meqjus il-valur ta' dak ir-reat li hu l-akbar fost il-valuri l-oħra, xorta jibqa' l-fatt li piena erogata kienet tibqa' fil-parametri ta' dak li setgħet teroga l-Qorti tal-Maġistrati inkwantu l-minimu kien ikun ta' tlettax il-xahar priġunerija filwaqt li l-massimu kien jitla' għal disa' snin priġunerija.

21. F'dan il-każ għalkemm l-appellanta tgħid li hija kienet vitma tal-użura, din ma ġietx sorretta minn xi provi oġġettivi. L-addebitu tar-reċidiva ġie ammess minnha u skont ġurisprudenza lokali, Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' tqis l-ammissjoni ta' l-addebitu tar-reċidiva da parti tal-imputata bħala prova sal-grad rikjest mill-Liġi biex l-istess imputat ikun jista' jiġi ritenut reċidiv mingħajr il-ħtieġa

ta' prova ulterjuri.[1] Anke jekk wieħed kellu biss iqis il-fedina penali tal-appellanta pero, din turi biċ-ċar li l-appellanti għandha diversi kundanni għal reati kontra l-patrimonju u jidher li maż-żmien ftit li xejn tgħalmet iżżomm lura milli tikkommetti reati oħra. Dan għalhekk jimmilita favur piena ta' priġunerija effettiva kif fil-fatt ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati.

22. Mill-banda l-oħra f'dan il-każ, l-appellanti irreġistrat ammissjoni bikrija mal-ewwel udjenza tant li l-Qorti tal-Maġistrati irrimarkat dan fis-sentenza tagħha. Jirriżulta wkoll mill-atti ta' din il-kawża li hija kkoperat mal-Pulizija u l-Prosekuzzjoni għamlet stqarrija f'dan is-sens kif ukoll li l-appellanti irrestitwiet xi ħlasijiet lura lil xi wħud mill-vitmi. Din il-Qorti jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ għandha tagħmel temperament moderat fil-piena. Biss jibqa' l-fatt li l-appellanta ammettiet ukoll li hija kkommettiet dawn ir-reati fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi mogħtija lilha mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dottor Miriam Hayman, fis-26 ta' Novembru 2013. Ladarba hija ammettiet għal din l-imputazzjoni wkoll, anke jekk mill-atti ma jirriżultax li ġiet eżebita kopja legali ta' dik is-sentenza, il-Qorti tal-

[1] Ara f'dan is-sens is-sentenza deċiża minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Lawrence Quintano fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Darmanin*** tad-9 ta' Lulju 2012 u s-sentenzi hemmhekk ċitati. Dan apparti l-fatt li mill-fedina penali eżebita fl-atti jirriżulta wkoll li minbarra s-sentenza ta' sentejn priġunerija sospiża għal erba' snin l-appellanta kienet ukoll ġiet kundannata għal piena ta' tliet snin u nofs priġunerija b'sentenza definittiva datata 15 ta' Lulju 2013. Għalkemm anke hawn, din il-Qorti kif komposta, dejjem tisħaq li l-Prosekuzjoni għandha teżebixxi kopja tas-sentenzi li minnhom tkun tista' tiġi verifikata r-reċidivita'. Biss il-ġurisprudenza ma teħtieġx dan *sine qua non*. Hemm sitwazzjonijiet fejn din il-verifika tkun meħtieġa għal-fini ta' meta l-ġudikabbli jkun skonta l-piena jew meta din tkun inħafritlu, minħabba li din il-prova mhux dejjem tirriżulta mill-atti. Biss din il-prova tista' ssir ukoll minn dokumenti jew provi oħra u mhux neċessarjament mill-kopja tas-sentenza.

Maġistrati setgħet tieħu *judicial notice* tal-istess sentenza u b'hekk iġġib fis-seħħ dak li l-appellanta stess ammettiet għalih.

23. Jibqa' l-fatt li għalkemm l-appellanta f'dan il-każ żbaljat bl-ikraħ, il-piena komplessiva ta' tminn snin priġunerija f'dan il-każ kienet piena li, meħud kont tal-kuntest kollu u taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, kienet waħda eċċessiva. Din il-Qorti, wara li qieset kemm il-Liġi kif ukoll il-ġurisprudenza prevalenti, inkluż dik ***Depares*** aktar il-fuq imsemmija u każijiet oħra li segwewha, għalkemm il-piena għandha tiżdied skont kif imsemmi bl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, li f'dan il-każ qed tiġi miżjuda bi grad, tqis mill-banda l-oħra li għandha timponi l-iskajjel tal-piena l-aktar favorevoli għall-ħatja.

## *Deċide*

Li għall-motivi premessi, il-Qorti, qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' in parte l-appell u filwaqt li :

(a) **tikkonferma** dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellanta ħatja, inkluż f'dik il-parti fejn ordnat id-dħul fis-seħħ tas-sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin;

(b) **tħassarha** f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellanta għall-piena ta' tminn snin priġunerija

u minflok :-

(c) **tikkundannaha** għall-piena ta' **ħames snin** priġunerija, li għandhom jinkludu fiha wkoll dawk is-sentejn priġunerija li ġew imdaħlin fis-seħħ.

(d) Inoltre **tħassarha** wkoll f'dik il-parti fejn ordnat il-konfiska tal-flejjes eżebiti favur tal-Gvern ta' Malta u minflok tordna li dawn jiġu **restitwiti** lil vitmi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***